KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fl-14 ta' April 2016[1]

Kawża C-492/14

Essent Belgium NV
vs
Vlaams Gewest,
Inter Energa et,
Vlaamse Regulator van de Elektriciteits- en Gasmarkt (VREG)

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank van eerste aanleg te Brussel (qorti tal-prim'istanza ta' Brussell, il-Belġju)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sistemi ta' distribuzzjoni bla ħlas tal-enerġija ħadra, alimentata direttament fin-netwerks ta' distribuzzjoni — Rifjut li jittieħed inkunsiderazzjoni l-elettriku aħdar prodott barra mill-Istat Membru kkonċernat — Moviment liberu tal-merkanzija — Artikolu 28 KE"

I – **Introduzzjoni**

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 12, 28 u 30 KE kif ukoll tal-Artikolu 3(1) sa (4) tad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE[2].

2. Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' tilwimiet bejn Essent Belgium NV[3] u, *inter alia*, Vlaams Gewest (Reġjun Fjamming), li jikkontestaw ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali ta' dan ir-reġjun minħabba l-adozzjoni ta' leġiżlazzjonijiet suċċessivi li jirriżervaw il-benefiċċju tad-distribuzzjoni bla ħlas tal-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu[4] għall-elettriku aħdar alimentat direttament fin-netwerks ta' distribuzzjoni li jinstabu, inizjalment, fir-Reġjun Fjamming u, sussegwentement, fl-Istat Membru li dan ir-reġjun jagħmel parti minnu.

3. Fis-sentenzi tagħha tal-1 ta' Lulju 2014, Ålands Vindkraft[5], u tal-11 ta' Settembru 2014, Essent Belgium[6], il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet li l-benefiċċju tas-sistemi ta' sostenn nazzjonali għall-produzzjoni tal-elettriku aħdar li tuża ċertifikati negozzjabbli jista' jiġi limitat biss għall-produzzjoni ta' elettriku aħdar li tinstab fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 211 u r-rettifika ĠU 2004, L 16, p. 74.
3 — Iktar 'il quddiem "Essent".
4 — Iktar 'il quddiem l-"elettriku aħdar".
5 — C-573/12, EU:C:2014:2037.
6 — C-204/12 sa C-208/12, EU:C:2014:2192.

4. Peress li diġà kelli l-okkażjoni li nesponi r-raġunijiet li abbażi tagħhom dawn il-limitazzjonijiet territorjali tas-sistemi ta' sostenn ma jidhrux, fil-fehma tiegħi, li huma konformi mar-rekwiżiti tal-moviment liberu tal-merkanzija [7], m'iniex ser noħloq azzjoni ta' difiża, minkejja li l-motivazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jikkonvinċunix.

5. Ser nillimita ruħi sabiex nistabbilixxi, fil-konklużjonijiet preżenti, jekk ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja huwiex transponibbli għal sistema ta' distribuzzjoni bla ħlas tal-elettriku aħdar bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

6. Ser nagħti risposta affermattiva għal din id-domanda, ibbażata fuq il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni li jinsab, b'mod partikolari, fl-Artikolu 12 KE u fid-Direttivi 96/92/CE [8], 2003/54 u 2001/77/KE [9] kif ukoll fl-Artikoli 28 u 30 KE, li għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali li, billi tirriżerva l-benefiċċju tad-distribuzzjoni bla ħlas tal-elettriku aħdar biss għall-impjanti ta' produzzjoni direttament konnessi man-netwerk ta' distribuzzjoni li jinstabu fl-Istat Membru kkonċernat jew f'reġjun tat-territorju ta' dan l-Istat, teskludi, minħabba dan, l-impjanti ta' produzzjoni li jinstabu fl-Istati Membri l-oħra.

II – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Il-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern tal-elettriku

7. It-twettiq progressiv tas-suq intern tal-elettriku seħħ permezz tal-adozzjoni ta' diversi direttivi suċċessivi, fosthom id-Direttivi 96/92 u 2003/54.

a) Id-Direttiva 96/92

8. Il-premessa 4 tad-Direttiva 96/92 kienet tinsisti fuq l-importanza tal-istabbiliment tas-suq intern tal-elettriku sabiex tiżdied l-effiċjenza fil-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, filwaqt illi tittejjeb is-sigurtà tal-provvista u l-kompettitività tal-ekonomija Ewropea u b'rispett tal-protezzjoni ambjentali;

9. Il-premessa 28 ta' din id-direttiva kienet tispeċifika li, minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tal-ambjent, il-prijorità setgħet tingħata lill-produzzjoni tal-elettriku aħdar.

10. L-Artikolu 11(2) u (3) tal-imsemmija direttiva kien jipprevedi:

"2. Fi kwalunkwe każ, [l-amministratur tan-netwerk ta' distribuzzjoni tal-elettriku] ma għandux jiddiskrimina bejn utenti ta' sistemi jew klassijiet ta' utenti ta' sistemi, b'mod partikolari favur is-sussidjarji tiegħu jew ta' min għandu ishma.

3. Stat Membru jista' jitlob l-operatur tas-sistema, meta jibgħat l-istallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni, biex jagħti prijorità lill-istallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni illi jużaw sorsi ta' enerġija li tiġġeded jew skart jew jipproduċu kumbinazzjoni ta' sħana u elettriku."

7 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Ålands Vindkraft (C-573/12, EU:C:2014:37) u fil-Kawżi magħquda Essent Belgium (C-204/12 sa C-208/12, EU:C:2013:294).

8 — Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Diċembru 1996, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 3).

9 — Direttiva (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Settembru 2001, fuq il-promozzjoni ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli fis-suq intern tal-elettriku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 121).

11. L-Artikolu 16 tad-Direttiva 96/92 kien jipprevedi:

“Għall-organizzazzjoni ta’ aċċess għas-sistema, Stati Membri jistgħu jagħżlu bejn il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 17 u/jew fl-Artikolu 18. Iz-zewġ proċeduri għandhom joperaw skont kriterji oġġettivi, trasparenti u li mhumiex diskriminatorji.”

b) Id-Direttiva 2003/54

12. Id-Direttiva 2003/54, li daħlet fis-seħħ fl-4 ta’ Awwissu 2003, tħassret permezz tad-Direttiva 2009/72/KE [10].

13. Il-premessa 26 tad-Direttiva 2003/54 kienet tipprevedi li “[i]r-rispett tal-kriterji tas-servizz pubbliku huwa kriterju fundamentali ta’ din id-direttiva, u huwa importanti li standards minimi komuni, li jkunu rispettati mill-Istati Membri kollha, jiġu speċifikati f’din id-direttiva, liema standards għandhom jikkunsidraw l-għanijiet tal-protezzjoni komuni, is-sigurtà tal-provvista, il-protezzjoni ta’ l-ambjent u livelli ekwivalenti ta’ kompetizzjoni fl-Istati Membri kollha. Huwa importanti li l-kriterji tas-servizz pubbliku jkunu jistgħu jiġu interpretati fuq bażi nazzjonali, waqt li jikkunsidraw iċ-ċirkustanzi nazzjonali u soġġett għar-rispett lejn il-liġi tal-Komunità.”

14. It-tielet u l-ħames punt tal-Artikolu 2 ta’ din id-direttiva kienu jiddefinixxu rispettivament it-“trasmissjoni” bħala “it-trasport ta’ l-elettriku fuq is-sistema ta’ vultaġġ qawwi ħafna u ta’ sistema interkonnessa ta’ vultaġġ għoli bil-ħsieb li dan jitqassam lill-klijenti finali jew lid-distributuri”, u d-“distribuzzjoni” bħala “it-trasport ta’ l-elettriku fuq sistemi ta’ distribuzzjoni ta’ vultaġġ għoli, vultaġġ medju u vultaġġ baxx bil-ħsieb li dan jitqassam lill-klijenti”.

15. L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, li qiegħed fil-Kapitolu II intitolat ir-“Regoli ġenerali għall-organizzazzjoni tas-settur”, kien jafferma, fil-paragrafu 1 tiegħu, il-prinċipju ta’ kompetizzjoni libera u dak ta’ nondiskriminazzjoni bejn l-impriżi tal-elettriku.

16. Madankollu, l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2003/54 kien jawtorizza lill-Istati Membri sabiex jimponu fuq l-impriżi tal-elettriku, fl-interess ekonomiku ġenerali, obbligi ta’ servizz pubbliku li setgħu jirrigwardaw is-sigurtà, inkluża s-sigurtà tal-provvista, ir-regolarità, il-kwalità u l-prezz tal-provvisti, kif ukoll il-protezzjoni tal-ambjent, inklużi l-effiċjenza tal-enerġija u l-protezzjoni tal-klima, sakemm dawn l-obbligi “[ikunu] definiti b’mod ċar, trasparenti, non-diskriminatorji, li jistgħu jiġu verifikati” u “jiggarantixxu l-ugwaljanza ta’ l-aċċess li l-kumpaniji ta’ l-elettriku ta’ l-UE ikollhom għall-klijenti nazzjonali”. L-Artikolu 3(4) ta’ din id-direttiva kien jispeċifika li jekk ikun hemm kumpens mill-Istat Membru jew jekk dan l-Istat Membru jagħti drittijiet esklużivi għat-twettiq ta’ dawn l-obbligi, dan kellu jsir “f’manjiera nondiskriminatorja u trasparenti”.

17. Barra minn hekk, l-Artikolu 3(7) tal-imsemmija direttiva kien jippermetti lill-Istati Membri “jimplimentaw miżuri xierqa biex jinkisbu l-għanijiet tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, il-protezzjoni ta’ l-ambjent, li tista’ tinkludi miżuri ta’ effiċjenza ta’ l-enerġija/amministrazzjoni ta’ xiri u bejgħ u mezzi biex jiġi miġġieled il-bdil klimatiku, u s-sigurtà tal-provvista”. Tali miżuri setgħu jinkludu, “inċentivi ekonomiċi adekwati, bl-użu, meta jkun xieraq, tal-mezzi nazzjonali u tal-Komunità eżistenti kollha, għaż-żamma u l-bini ta’ l-infrastruttura meħtieġa ta’ netwerks, inkluża l-kapaċità ta’ l-interkonnettività”.

10 — Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta’ Lulju 2009, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54 (ĠU 2009, L 211, p. 55).

18. L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2003/54, li qiegħed fil-Kapitolu V intitolat "It-tħaddim tas-sistema ta' distribuzzjoni", kien jipprevedi, fil-paragrafu 2 tiegħu li, "[f]i kwalunkwe ħaġa li tiġri, dan [ma kellux] jiddiskrimina bejn l-utenti tas-sistema jew inkella bejn klassijiet ta' utenti tas-sistema, partikolarment favur l-impriżi relatati tiegħu". L-Artikolu 14(4) ta' din id-direttiva kien jippermetti b'mod espliċitu lill-Istati Membri sabiex "jitlob lill-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni, meta jkun qed jittrassmetti stallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni, biex jagħti prijorità lil stallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jkunu qed jużaw għejun ta' enerġija mġedda jew skart jew inkella dawk li jkunu qed jipproduċu sħana u qawwa kumbinata".

19. L-Artikolu 20(1) tal-imsemmija direttiva kien iħalli r-responsabbiltà fuq l-Istati Membri li jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex tiġi implementata sistema ta' aċċess ta' terzi għan-netwerks ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, ibbażata fuq tariffi ppubblikati u "applikati b'mod oġġettiv u mingħajr diskriminazzjoni bejn l-utenti tas-sistema".

20. L-Artikolu 23 tad-Direttiva 2003/54 kien jobbliga lill-Istati Membri jinnominaw awtoritajiet regolatorji sabiex ikunu mill-inqas responsabbli biex jiżguraw in-nondiskriminazzjoni, il-kompetizzjoni effettiva u l-funzjonament effiċjenti tas-suq, u sabiex jistabbilixxu, jew japprovaw, qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom, mill-inqas il-metodoloġiji użati għall-kalkolu jew għall-istabbiliment b'mod partikolari, tal-kundizzjonijiet ta' konnessjoni u ta' aċċess għan-netwerks nazzjonali, inklużi t-tariffi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni. Dawn l-awtoritajiet kellhom il-poter sabiex jitolbu li l-amministraturi tan-netwerk ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni jemendaw, fejn meħtieġ, il-kundizzjonijiet, it-tariffi, id-dispożizzjonijiet, il-mekkaniżmi u l-metodoloġiji previsti fil-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-artikolu sabiex jiżguraw li dawn ikunu proporzjonti u applikati b'mod nondiskriminatorju.

2. Il-leġiżlazzjoni dwar il-promozzjoni tal-elettriku aħdar

21. Il-leġiżlazzjoni applikabbli *ratione temporis* fil-kawża prinċipali hija d-Direttiva 2001/77, li tħassret permezz tad-Direttiva 2009/28/KE [11].

22. Il-premessa 1 tad-Direttiva 2001/77 kienet tirrikonoxxi n-neċessità li jiġu mħeġġa bħala miżura ta' prijorità s-sorsi ta' enerġija li jiġġeddu, filwaqt li l-premessa 2 kienet tiddikjara li l-promozzjoni tal-elettriku aħdar kienet prijorità kbira tal-Komunità.

23. Il-premessa 14 ta' din id-direttiva kienet issemmi l-importanza li jiġi ggarantit l-funzjonament tajjeb tal-mekkaniżmi ta' sostenn tas-sorsi ta' enerġija li jiġġeddu fuq il-livell nazzjonali, sakemm jitqiegħed fis-seħħ qafas Komunitarju, filwaqt li l-premessa 15 tagħha kienet tinsisti fuq in-natura prematura tal-adozzjoni ta' tali qafas.

24. Il-premessa 19 tal-imsemmija direttiva kienet tesponi li, fl-azzjoni li tittieħed favur l-iżvilupp ta' suq għal sorsi ta' enerġija li jiġġeddu, jeħtieġ li jitqies l-impatt pożittiv ta' dan tal-aħħar fuq l-opportunitajiet reġjonali u lokali ta' żvilupp, prospetti ta' esportazzjoni, il-koeżjoni soċjali u l-opportunitajiet tax-xogħol, b'mod partikolari fir-rigward ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju kif ukoll fir-rigward tal-produtturi ta' enerġija indipendenti.

25. B'mod konformi mal-Artikolu 1 tagħha, l-[iskop tad-Direttiva 2001/77] huwa "li tkun promossa żieda fil-kontribuzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinovabbli għall-produzzjoni ta' l-elettriku fis-suq intern għall-elettriku u biex tinħoloq bażi għal qafas tal-Komunità fil-ġejjieni tiegħu".

11 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30 (ĠU 2009, L 140, p. 16).

26. L-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, intitolat "Skemi ta' appoġġ", kien jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 87 u 88 [KE], il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni ta' mekkaniżmi użati fl-Istati Membri skond liema produttur ta' l-elettriku, fuq il-bażi ta' regolamenti maħruġa mill-awtoritajiet pubbliċi, jirċievi appoġġ dirett jew indirett, u li jistgħu jkollhom effett li jirrestriġu l-kummerċ, fuq il-bażi li dawn jikkontribwixxu għall-oġġettivi pprovduti fl-Artikoli 6 u 174 [KE]."

27. L-Artikolu 7 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Kwistjonijiet fuq is-sistema tad-distribuzzjoni" kien jipprevedi:

"1. Bla ħsara għaż-żamma ta' l-affidabbiltà u s-sigurtà tad-distribuzzjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni fit-territorju tagħhom jiggarantixxu t-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ta' l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija [ħadra]. Għandhom jipprovdu wkoll għall-aċċess prijoritarju għas-sistema tad-distribuzzjoni ta' l-elettriku prodott sorsi ta' enerġija [ħadra]. Meta jintbagħtu stallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni, l-operaturi tas-sistema għandhom jagħtu prijorità lil stallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija rinovabbli safejn tippermetti l-operazzjoni tas-sistema nazzjonali ta' l-elettriku.

2. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ qafas legali jew jeħtieġu operaturi tas-sistema tat-trasmissjoni u operturi tas-sistema ta' distribuzzjoni biex jistabbilixxu u jippubblikaw ir-regoli standard tagħhom rigward min jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' l-addattamenti tekniċi, bħal konnessjonijiet mad-distribuzzjoni u rinforzi għad-distribuzzjoni, li huma meħtieġa biex ikunu integrati produtturi ġodda li jagħtu l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija [ħadra] fis-sistema ta' distribuzzjoni interkonnessa.

Dawn ir-regoli għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji wara li jitqiesu partikolarment l-ispejjeż u l-benefiċċji kollha assoċjati mal-konnessjoni ta' dawn il-produtturi mad-distribuzzjoni. Ir-regoli jistgħu jipprovdu għal tipi differenti ta' konnessjoni.

3. Fejn xieraq, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u operatri tas-sistema ta' distribuzzjoni jħallsu, għal kollox jew f'parti, l-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 2.

[...]

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet għat-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ma jiddiskriminawx kontra l-elettriku [aħdar], inkluż partikolarment elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli prodotti f'reġjuni periferiċi, bħal reġjuni ta' ġżejjer u reġjuni b'densità ta' popolazzjoni baxxa.

Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ qafas legali jew jeħtieġu li operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni jiżguraw li d-drittijiet għat-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ta' l-elettriku minn impjanti li jużaw is-sorsi ta' enerġija rinovabbli jirriflettu benefiċċji ta' spiża realizzabbli li jirriżultaw mill-konnessjoni ta' l-impjant mat-netwerk. Dawn il-benefiċċji ta' l-ispiża jistgħu joħorġu mill-użu dirett tad-distribuzzjoni b'vultaġġ baxx.

[...]"

B – *Id-dritt Belġjan*

28. Sabiex jippromwovi l-produzzjoni tal-elettriku aħdar, il-Gvern Fjamming stabbilixxa, għall-benefiċċju tal-produtturi tal-elettriku aħdar, sistema bla ħlas għall-użu tan-netwerk ta' distribuzzjoni.

29. Skont il-kliem tal-Artikolu 15 tal-vlaams decreet houdende de organisatie van de elektriciteitmarkt (Digriet Fjamming dwar l-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku), tas-17 ta' Lulju 2000 [12]:

"L-amministratur tan-netwerk iwettaq bla ħlas il-kompiti kollha neċessarji għad-distribuzzjoni tal-elettriku aħdar, bl-esklużjoni tal-konnessjoni man-netwerk ta' distribuzzjoni.

Il-Gvern Fjamming jista' jillimita s-sistema prevista fl-ewwel paragrafu."

30. Dan l-Artikolu 15 tħassar, b'effett mill-1 ta' Jannar 2005, permezz tal-Artikolu 61 tal-vlaams decreet houdende bepalingen tot begeleiding van de begroting 2005 (Digriet Fjamming li jinkludi diversi miżuri supplementarji għall-bażit 2005) tal-24 ta' Diċembru 2004 [13].

31. Qabel dan it-tħassir, il-modalitajiet ta' applikazzjoni tas-sistema bla ħlas ta' distribuzzjoni għaddew minn evoluzzjonijiet importanti, ikkaratterizzati mill-adozzjoni ta' tliet deċiżjonijiet suċċessivi.

32. Fl-ewwel lok, il-besluit van de vlaamse regering inzake de bevordering van elektriciteitsopwekking uit hernieuwbare energiebronnen (Deċizjoni tal-Gvern Fjamming li tiffavorixxi l-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu), tat-28 ta' Settembru 2001 [14], tat il-benefiċċju li d-distribuzzjoni prodotta f'reġjun barra mir-Reġjun Fjamming jew f'pajjiż ieħor issir bla ħlas. Skont l-Artikolu 14 ta' din id-deċizjoni:

"[...]

L-amministratur tan-netwerk iwettaq bla ħlas il-missjonijiet imniżżla fl-Artikolu 15 tad-Digriet dwar l-elettriku [...]

Għall-elettriku li ma huwiex prodott fir-Reġjun Fjamming, l-awtorità responsabbli sabiex toħroġ iċ-ċertifikati tal-elettriku [aħdar] għall-postijiet ta' produzzjoni kkonċernati, għandha tagħti lill-awtorità regolatorja attestazzjoni li tiggarantixxi li dan l-elettriku huwa prodott minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu [...] u huwa intiż għal klijent finali stabbilit fil-Fjandri.

[...]"

33. Fit-tieni lok, fil-verżjoni tiegħu li rriżultat mill-emendi magħmula fih permezz tad-Deċiżjoni tal-4 ta' April 2003 [15], li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' April 2003, l-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni tat-28 ta' Settembru 2001 illimita l-vantaġġ ta' distribuzzjoni bla ħlas biss għall-impjanti ta' produzzjoni li jinstabu fir-Reġjun Fjamming. Dan l-artikolu kien redatt kif ġej:

"§ 1. Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 15 tad-Digriet dwar l-elettriku, id-distribuzzjoni bla ħlas, prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 15 tal-istess digriet, hija limitata għall-alimentazzjoni ta' elettriku prodotta mill-impjanti ta' produzzjoni konnessi man-netwerks ta' distribuzzjoni li jinstabu fir-Reġjun Fjamming.

12 — *Belgisch Staatsblad*, 22 ta' Settembru 2000, p. 32166, iktar 'il quddiem id-"Digriet dwar l-elettriku".

13 — *Belgisch Staatsblad*, 31 ta' Diċembru 2004, p. 87220.

14 — *Belgisch Staatsblad*, 23 ta' Ottubru 2001, p. 36778, Iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni tat-28 ta' Settembru 2001".

15 — *Belgisch Staatsblad*, 30 ta' April 2003, p. 23334, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni tal-4 ta' April 2003".

§ 2. Fornitur tal-elettriku [aħdar] ma jimputa l-ebda spiża għad-distribuzzjoni tiegħu fil-fattura tal-intermedjarju u l-kont finali tal-klijent finali ta' dan l-elettriku [...]

[...]"

34. Peress li Essent ippreżentat rikors quddiemu, intiż għall-annullament tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-4 ta' April 2003, ir-Raad van State (Kunsill tal-Istat, il-Belġju), issospenda l-eżekuzzjoni ta' dan l-artikolu permezz ta' sentenza tat-12 ta' Jannar 2004.

35. Wara din is-sospensjoni, fit-tielet lok, ġiet adottata l-besluit van de vlaamse regering inzake de bevordering van elektriciteitsopwekking uit hernieuwbare energiebronnen (Deċiżjoni tal-Gvern Fjamming li tiffavorixxi l-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu), tal-5 ta' Marzu 2014[16], li ħassret u ssostitwiet id-Deċiżjoni tat-28 ta' Settembru 2001, b'effett mit-23 ta' Marzu 2004.

36. L-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni tal-5 ta' Marzu 2004 kien jipprevedi:

"§ 1. B'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 15 tad-Digriet dwar l-elettriku, id-distribuzzjoni bla ħlas, prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 15 tal-istess digriet, hija limitata għall-elettriku pprovdut lill-klijenti finali konnessi ma' netwerk ta' distribuzzjoni li jinstab fir-Reġjun Fjamming, li huwa prodott minn sors ta' enerġija li jiġġedded, previst fl-Artikolu 15, f'impjant ta' produzzjoni li jalimenta l-elettriku tiegħu direttament f'netwerk ta' distribuzzjoni li jinstab fil-Belġju.

§ 2. Fornitur tal-elettriku [aħdar] ma jimputa l-ebda ħlas għad-distribuzzjoni tiegħu fil-kont finali tal-klijent finali ta' dan l-elettriku [...]

[...]"

37. Peress li ġie ppreżentat quddiemu rikors ta' Essent intiż għall-annullament tal-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni tal-5 ta' Marzu 2004, ir-Raad van State (Kunsill tal-Istat), issospenda l-eżekuzzjoni ta' din id-dispożizzjoni b'sentenza tat-23 ta' Diċembru 2004, qabel ma ċaħad dan ir-rikors permezz ta' sentenza tat-13 ta' Novembru 2012.

38. Wara t-tħassir tal-Artikolu 15 tad-Digriet dwar l-elettriku permezz tad-Digriet Fjamming li jinkludi diversi miżuri supplementarji għall-baġit 2005, tal-24 ta' Diċembru 2004, l-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni tal-5 ta' Marzu 2004 tħassar, b'effett mill-1 ta' Jannar 2005, bid-Deċiżjoni tal-Gvern Fjamming tal-25 ta' Marzu 2005[17].

III – **Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

39. Mis-sena 2003, Essent tipprovdi lill-klijentela tagħha li tirresjedi fir-Reġjun Fjamming bl-elettriku li hija timporta mill-Pajjiżi l-Baxxi, u li, kif hija tallega, huwa elettriku aħdar.

40. Billi qieset li hija sostniet dannu minħabba l-fatt li tilfet il-benefiċċju tad-distribuzzjoni bla ħlas fuq in-netwerk ta' distribuzzjoni li tinstab fir-Reġjun Fjamming wara l-emendi leġiżlattivi introdotti mid-Deċizjoni tal-4 ta' April 2003, u mbagħad minn dik tal-5 ta' Marzu 2004, Essent ippreżentat rikors għad-danni quddiem ir-Rechtbank van eerste aanleg te Brussel (qorti tal-prim'istanza ta' Brussell) kontra, b'mod partikolari, ir-Reġjun Fjamming, billi talbet li s-sentenza li tingħata tiġi ddikjarata invokabbli, b'mod partikolari, kontra l-Vlaamse Reguleringsinstantie voor de Elektriciteits- en

16 — *Belgisch Staatsblad*, 23 ta' Marzu 2004, p. 16296, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni tal-5 ta' Marzu 2004".

17 — *Belgisch Staatsblad*, 27 ta' Mejju 2005, p. 24763.

Gasmarkt (awtorità regolatorja tas-suq tal-gass u tal-elettriku) [18], korp kompetenti sabiex jiddikjara ruħu fuq it-tariffi tad-distribuzzjoni tal-elettriku u l-eventwalitàli din id-distribuzzjoni ssir bla ħlas, kif ukoll kontra d-diversi amministraturi privati u pubbliċi tan-netwerks ta' distribuzzjoni li talbu mingħand Essent il-pagament tal-ispejjeż għad-distribuzzjoni.

41. Insostenn ta' dawn it-talbiet, Essent sostniet b'mod partikolari li d-dispożizzjonijiet li jeskludu l-elettriku aħdar li ġej mill-Istati Membri l-oħra mill-benefiċċju ta' distribuzzjoni bla ħlas kienu jiksru l-Artikoli 12 u 28 KE kif ukoll l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 96/92.

42. Huwa f'dan il-kuntest li r-Rechtbank van eerste aanleg te Brussel (qorti tal-prim'istanza ta' Brussell) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiema u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1. L-Artikoli 28 u 30 [KE] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru – f'dan il-każ, id-[Digriet dwar l-elettriku], ikkunsidrat flimkien mad-Deċizjoni […] tal-4 ta' April 2003, […] – li tillimita d-distribuzzjoni bla ħlas ta' elettriku ekoloġiku [aħdar] għall-alimentazzjoni tal-elettriku ġġenerat minn installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni konnessi mas-sistemi ta' distribuzzjoni li jinsabu fir-Reġjun [Fjamming] u teskludi l-elettriku minn installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li ma humiex konnessi mas-sistemi ta' distribuzzjoni li jinsabu fir-Reġjun [Fjamming]?

2) L-Artikoli 28 u 30 [KE] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru – f'dan il-każ, id-[Digriet dwar l-elettriku], ikkunsidrat flimkien mad-Deċizjoni tal-Gvern ta' Vlaamse Gewest, tal-5 ta' Marzu 2004 […], kif applikat mill-[awtorità regolatorja], – li tillimita d-distribuzzjoni bla ħlas tal-elettriku ekoloġiku għall-elettriku ġġenerat minn installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jalimentaw direttament bl-elettriku tagħhom is-sistema ta' distribuzzjoni li tinsab fil-Belġju u teskludi l-elettriku ġġenerat minn installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li ma talimentax direttament bl-elettriku tagħha s-sistema ta' distribuzzjoni li tinsab fil-Belġju?

3) Leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik imsemmija fl-ewwel u fit-tieni domanda hija kompatibbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' projbizzjoni ta' diskriminazzjoni stabbilit, b'mod partikolari, fl-Artikolu 12 [KE] u fl-Artikolu 3(1) u (4) tad-Direttiva 2003/54/KE […] li kienet tapplika fiż-żmien li fih seħħew il-fatti?"

IV – **L-evalwazzjoni tiegħi**

A – *L-osservazzjonijiet preliminari*

43. Qabel kollox, hemm lok li jiġi ddeterminat liema huma d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li huma rilevanti sabiex tingħata risposta għat-talba għal deċiżjoni preliminari.

44. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat, fir-rigward, fl-ewwel lok, tad-dispożizzjonijiet applikabbli *ratione temporis*, li, minkejja n-nuqqas ta' referenza mwettqa mill-qorti tar-rinviju għad-Direttiva 96/92, b'teħid inkunisderazzjoni tal-fatt li d-Deċizjoni tat-28 ta' Settembru 2001 ġiet adottata f'data preċedenti għal dik tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2003/54, għandha tiġi eżaminata t-talba għal deċiżjoni preliminari fid-dawl, mhux biss tar-regoli stabbiliti f'din id-direttiva, iżda wkoll ta' dawk stabbiliti fid-Direttiva 96/92.

18 — Li saret il-Vlaamse Regulator van de Elektriciteits- en Gasmarkt (VREG).

45. Fit-tieni lok, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli *ratione materiae*, għandu jiġi rrilevat li għalkemm il-qorti tar-rinviju rreferiet esklussivament għall-affermazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fid-dritt sekondarju tal-Artikolu 3(1) u (4) tad-Direttiva 2003/54, din id-direttiva tinkludi dispożizzjonijiet oħra li huma rilevanti sa fejn jikkostitwixxu espressjonijiet partikolari ta' dan il-prinċipju fl-implementazzjoni tal-aċċess għan-netwerks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni.

46. Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li d-Direttiva 2001/77 fiha, b'mod partikolari fl-Artikolu 7 tagħha, dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kundizzjonijiet ta' konnessjoni u ta' distribuzzjoni tal-elettriku aħdar.

47. B'konformità ma' ġurisprudenza stabbilita [19], ser nirrispondi għat-talba għal deċiżjoni preliminari fid-dawl tad-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva 2003/54 u tad-Direttiva 2001/77 li jistgħu ikunu rilevanti fir-rigward tal-problemi ppreżentati.

48. Qabel kollox, ser nikkunsidra din id-domanda mill-perspettiva tan-nondiskriminazzjoni qabel ma neżaminaha taħt dik tal-moviment liberu tal-merkanzija [20].

B – *Fuq it-tielet domanda*

49. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-regoli ta' nondiskriminazzjoni li huma inklużi fl-Artikolu 12 KE u fid-Direttivi 96/92, 2003/54 u 2001/77, jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali li, billi tirriżerva l-benefiċċju ta' distribuzzjoni bla ħlas tal-elettriku aħdar biss għall-impjanti ta' produzzjoni direttament konnessi man-netwerks ta' distribuzzjoni li jinstabu fl-Istat Membru kkonċernat jew fir-reġjun tat-territorju ta' dan l-Istat, u teskludi, minħabba dan il-fatt, l-impjanti ta' produzzjoni li jinstabu fl-Istati Membri l-oħra.

50. Nikkonstata li d-direttivi rilevanti fihom diversi dispożizzjonijiet li huma wkoll espressjonijiet partikolari tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, minkejja li jidhru li jirrispondu għal tħassib differenti.

51. Fil-fatt, fost id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dritt sekondarju, hemm uħud li jistabbilixxu b'mod ġenerali l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fil-qasam tal-elettriku. Oħrajn jikkonċernaw b'mod iktar partikolari l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bi ħsara għall-elettriku aħdar. Fl-aħħar, hemm oħrajn li jidhru li jistabbilixxu prinċipju ta' diskriminazzjoni pożittiva għall-benefiċċju favur dan l-elettriku.

52. Serje inizjali ta' dispożizzjonijiet tiċħad, b'mod ġenerali, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fl-aċċess għan-netwerk ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni.

53. B'hekk, l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2003/54, li huma redatti, rispettivament, fi kliem kważi identiku għal dak tal-Artikolu 3(1) u tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 96/92, jeżiġu li l-azzjoni tal-Istat u dik tal-amministratur tan-netwerk fl-implementazzjoni tal-aċċess għan-netwerk ikunu nondiskriminatorji. Din il-projbizzjoni għandha tkun approssimata ma' dik stabbilita fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 96/92, li tipprojbixxi lill-Istati Membri milli jorganizzaw l-aċċess għan-netwerk b'mod diskriminatorju, kemm jekk jagħżlu bejn il-formola tal-aċċess negozjat għan-netwerk jew dik tax-xerrej uniku, u fl-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2003/54, li jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi implementata, għall-klijenti kollha eżiġibbli, sistema ta' aċċess għal terzi għan-netwerks ta' trasport u ta' distribuzzjoni bbażata fuq tariffi ppubblikati u "applikati b'mod oġġettiv u mingħajr diskriminazzjoni bejn l-utenti tas-sistema".

19 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2015, Nagy (C-583/14, EU:C:2015:737, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 — Peress li l-qorti tar-rinviju ma staqsietx lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk sistema ta' distribuzzjoni bla ħlas bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, m'iniex ser inwettaq eżami ta' din is-sistema fid-dawl tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat.

54. Il-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni fl-aċċess għan-netwerks għandu espressjoni partikolari fil-missjonijiet fdati lill-awtoritajiet regolatorji mill-Artikolu 23(1)(f) u (4) tad-Direttiva 2003/54 li jipprevedi li dawn huma responsabbli sabiex "jiżguraw in-non-diskriminazzjoni" u "kompetizzjoni effettiva", b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet u t-tariffi ta' konnessjoni tal-produtturi tal-elettriku ġodda "biex ikun iggarantit li dawn ikunu tabilħaqq oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji". Dawn il-garanziji għandhom jinkisbu b'teħid inkusiderazzjoni, b'mod partikolari, ta' "l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' diversi tekonoloġiji ta' egħjun ta' enerġija mġedda".

55. It-tieni serje ta' dispożizzjonijiet tittratta b'mod iktar speċifiku l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni kontra l-elettriku aħdar.

56. B'dan il-mod, l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2001/77 jipprevedi li r-regoli standard rigward min jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-addattamenti tekniċi li huma meħtieġa biex jiġu integrati produtturi ġodda li jalimentaw in-netwerk interkonness bl-elettriku aħdar għandhom ikunu bbażati fuq "kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji" li jieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-ispejjeż kollha u l-vantaġġi marbuta mal-konnessjoni ta' dawn il-produtturi man-netwerk.

57. Bl-istess loġika, l-Artikolu 7(6) ta' din id-direttiva jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-imputazzjoni tal-ispejjeż ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni ma tiddiskriminax kontra l-elettriku aħdar, "inkluż partikolarment elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli prodotti f'reġjuni periferiċi, bħal reġjuni ta' ġżejjer u reġjuni b'densità ta' popolazzjoni baxxa". Din id-dispożizzjoni tispeċifika li, fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas legali jew jeħtieġu li operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni jiżguraw li l-ispejjeż għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku aħdar jirriflettu tnaqqis fl-ispejjeż realizzabbli li jirriżultaw mill-konnessjoni tal-impjanti man-netwerk, fejn dawn il-benefiċċji tal-ispiża "jistgħu joħorġu mill-użu dirett tad-distribuzzjoni b'vultaġġ baxx".

58. It-tielet serje ta' dispożizzjonijiet toħloq possibbiltà ta' diskriminazzjoni pożittiva ġġustifikata mill-għan ta' protezzjoni tal-ambjent.

59. Jien indaħħal, f'din il-kategorija, l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2003/54, li, essenzjalment, jirrepeti t-termini tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 96/92, li jippermetti lill-Istati Membri jimponu fuq l-impriżi fis-settur tal-elettriku obbligi ta' servizz pubbliku li jistgħu jirrigwardaw, b'mod partikolari, "il-protezzjoni ta' l-ambjent", "inklużi l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-protezzjoni tal-klima" [21], sakemm dawn l-obbligi "ikunu ddefiniti b'mod ċar, trasparenti, mhumiex diskriminatorji u li jistgħu jkunu vverifikati" u "sakemm jiggarantixxu l-ugwaljanza ta' l-aċċess li l-kumpaniji ta' l-elettriku ta' l-UE ikollhom għall-klijenti nazzjonali" [22].

60. Għandhom jidħlu fl-imsemmija kategorija wkoll l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 96/92, l-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2003/54 u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2001/77 li kienu jagħtu lill-elettriku aħdar aċċess prijoritarju għan-netwerk.

61. Il-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni, b'mod partikolari tariffarja, bejn l-utenti tan-netwerk tipprekludi li Stat Membru jadotta miżura, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi d-distribuzzjoni bla ħlas biss favur l-elettriku aħdar alimentat direttament fin-netwerks ta' distribuzzjoni?

21 — Din il-fraži ġiet miżjuda mid-Direttiva 2003/54.

22 — *Idem.*

62. *Prima facie*, ir-risposta tidher li hija evidenti sa fejn il-miżura ta' distribuzzjoni bla ħlas tistabbilixxi diskriminazzjoni doppja, minn naħa, bejn l-elettriku aħdar u dak li ma huwiex prodott minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu u, min-naħa l-oħra, bejn l-elettriku alimentat direttament fin-netwerks ta' distribuzzjoni u dak, bħall-elettriku importat, li huwa alimentat qabel kollox fin-netwerks ta' trażmissjoni. Barra minn hekk, din id-diskriminazzjoni tal-aħħar tidher li hija direttament kuntrarja għar-regola stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(6) tad-Direttiva 2001/77, li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni skont il-provenjenza ġeografika tal-elettriku aħdar.

63. Madankollu, għandu jiġi ddeterminat jekk din id-disrkiminazzjoni tistax tiġi ġġustifikata permezz tal-invokazzjoni tal-għan ta' promozzjoni tal-użu ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu.

64. Minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja ma stabbilixxietx b'mod espliċitu l-possibbiltà li tiġi invokata l-protezzjoni tal-ambjent bħala ġustifikazzjoni għal miżuri diskriminatorji, li kien jippermetti li titwettaq kjarifikazzjoni ta' benefiċċju ta' ġurisprudenza li kienet ikkwalifikata bħala "li toħloq konfużjoni" [23], diversi sentenzi jistgħu madankollu jinftiehmu biss fuq il-premessa li tali għan jista' jiġi rrikonoxxut bħala ġustifikazzjoni ta' miżuri li n-natura diskriminatorja tagħhom ġiet madankollu stabbilita preċedentement.

65. Fil-fatt, fenomenu ta' ħabi tad-diskriminazzjoni jirriżulta bla dubju mill-ġurisprudenza, anki jekk il-proċess li huwa neċessarju sabiex naslu għal din is-soluzzjoni jibqa' mdawwar b'ċertu misteru.

66. Infakkar li, fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Lulju 1992, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju [24], dwar il-kawża msejħa "skart tal-Wallonie", il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li ddikjarat li r-rekwiżiti imperattivi ma jittiħdux inkunsiderazzjoni ħlief fir-rigward ta' miżuri applikabbli b'mod distint għall-prodotti nazzjonali u importati, ammettiet madankollu, billi bbażat ruħha fuq il-prinċipju tal-korrezzjoni, bi prijorità fis-sors, ta' ħsara għall-ambjent, kif ukoll fuq il-prinċipji ta' awtosufiċjenza u ta' viċinanza li, "b'teħid inkunsiderazzjoni tad-differenzi bejn l-iskart prodott f'postijiet differenti u tal-konnessjoni bejn l-iskart u l-post tal-produzzjoni tiegħu", il-miżuri kkontestati, li jipprojbixxu l-importazzjoni tal-iskart fir-reġun ikkonċernat ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala diskriminatorji [25].

67. Huwa għaldaqstant billi applikat l-ġurisprudenza li tipprovdi li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jeħtieġ li sitwazzjonijiet li huma komparabbli ma jistgħux jiġu ttrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jistgħux jiġu ttrattati b'mod ugwali li l-Qorti tal-Ġustizzja evitat li tikkonstata diskriminazzjoni, peress li kienet teżisti sitwazzjoni differenti li rriżultat min-"natura partikolari tal-iskart" li ġġustifikat trattament differenti.

68. Fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra [26], il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, mingħajr ma tat importanza lin-natura diskriminatorja jew le ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet tobbliga lill-fornituri tal-elettriku jixtru, bi prezzijiet minimi, l-elettriku aħdar prodott fiż-żona ta' provvista tagħhom, li din il-leġiżlazzjoni ma kinitx inkompatibbli mal-moviment liberu tal-merkanzija minħabba l-fatt, b'mod partikolari, li l-miżura kienet utli għall-protezzjoni tal-ambjent u pprovdiet "ukoll" għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħajja tal-bniedem u tal-annimali kif ukoll għall-protezzjoni tal-pjanti, li jikkostitwixxu raġunijiet ta' interess ġenerali kif iddefiniti fl-Artikolu 30 KE.

23 — Ara Rigaux, A., *Revue Europe nº 2*, Frar 2012, kummentarju 75. Din id-deskrizzjoni ġiet riprodotta minn Le Baut-Ferrarese, B., *Revue Environnement et Développement durable nº 11*, Novembru 2014, kummentarju 75. Ara wkoll, għal analiżi kritika tad-domanda tal-Qorti tal-Ġustizzja, Michel, V., "Marché intérieur et politiques de l'Union: brèves réflexions sur une quête d'unité", *L'identité du droit de l'Union européenne – Mélanges en l'honneur de Claude Blumann*, 2015, p. 229

24 — C-2/90, EU:C:1992:310.

25 — Punti 34 sa 36.

26 — C-379/98, EU:C:2001:160.

69. Fl-aħħar ninnota li, fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Settembru 2014 Essent Belgium [27], fir-rigward tal-kwistjoni dwar il-ksur eventwali tar-regoli ta' nondiskriminazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet billi qieset, b'mod partikolari li "l-qorti tar-rinviju ma [spjegatx] kif l-iskema [taċ-ċertifikati ħodor setgħat] tagħti lok għal differenza fit-trattament li tikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, u lanqas kif tali differenza fit-trattament, fejn xieraq, [kellha] tiġi distinta minn dik li tikkonċerna l-garanziji ta' oriġini u l-importazzjoni tal-elettriku li joriġina minn Stati Membri oħra, li diġà hija koperta mill-ewwel domanda" [28], li stiednet lill-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-miżura nazzjonali fid-dawl tal-moviment liberu tal-merkanzija.

70. Il-kwistjoni ta' diskriminazzjoni hija għaldaqstant assorbita fl-eżami ġenerali tal-eżistenza ta' ostakolu u tal-ġustifikazzjoni eventwali tiegħu.

71. Anki jekk il-bażi tas-soluzzjoni tidher li evolviet u għalkemm, barra minn hekk, huwa diffiċli sabiex jiġi ddeterminat jekk hija tinstabx issa fl-abbandun tar-regola li tipprovdi li hija biss miżura applikabbli mingħajr distinzjoni li tista' tiġi ġġustifikata minn wieħed mir-rekwiżiti imperattivi stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja jew fir-rabta tal-promozzjoni tal-użu ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu ma' uħud mir-raġunijiet ta' interess ġenerali ddefiniti fl-Artikolu 30 KE, huwa possibbli li jiġi dedott minn dawn il-preċedenti tal-ġurisprudenza li l-Qorti tal-Ġustizzja tammetti li l-miżuri nazzjonali diskriminatorji jistgħu jiġu ġġustifikati mill-għan ta' protezzjoni tal-ambjent, taħt il-kundizzjoni li huma josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità [29].

72. Ma narax għalfejn għandu jkun differenti meta l-miżura nazzjonali għandha tiġi eżaminata mhux biss fid-dawl tal-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni iżda fid-dawl tal-varjanti partikolari ta' dan il-prinċipju li jinsabu f'dispożizzjonijiet ta' dritt sekondarju.

73. Fl-opinjoni tiegħi, dawn ir-regoli ta' nondiskriminazzjoni ma jipprekludux l-invokazzjoni tal-ġustifikazzjoni bbażata fuq il-protezzjoni tal-ambjent ħlief jekk jekk dawn jipprojbixxu jew jarmonizzaw il-leġiżlazzjonijiet dwar ir-restrizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti fuq l-importazzjonijiet tal-elettriku aħdar bl-għan ta' promozzjoni tal-użu ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu. Fi kliem ieħor, huwa biss jekk dispożizzjoni ta' dritt sekondarju tipprojbixxi kull ostakolu għall-importazzjoni tal-elettriku aħdar, jew tispeċifika b'mod espliċitu l-każijiet li fihom ir-restrizzjonijiet jistgħu jiġu ammessi sabiex tiġi żgurata l-promozzjoni tal-użu ta' dan l-elettriku, li l-Istati Membri ma jibqax ikollhom setgħa diskrezzjonali li tawtorizzahom sabiex jinvokaw tali motivi jiġġustifikaw restrizzjoni.

74. Issa, tali dispożizzjonijiet ma jinstabu la fid-Direttivi 96/92 u 2003/54 u lanqas fid-Direttiva 2001/77, peress li l-Artikolu 7(6) ta' din tal-aħħar, li huwa intiż sabiex jipprojbixxi d-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq il-kriterju ġeografiku b'detriment għall-impjanti ta' produzzjoni tal-elettriku aħdar, b'mod partikolari meta dawn jinstabu f'reġjun periferali li jbatu minn diffikultajiet ta' konnessjoni man-netwerks Ewropej tal-elettriku prinċipali, ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jeskludi kull differenza fit-trattament ibbażata fuq kriterju nazzjonali u ġġustifikat, skont il-loġika tal-Qorti tal-Ġustizzja, mill-enfasi ta' differenza oġġettiva fis-sitwazzjoni bejn il-produzzjoni tal-elettriku aħdar fit-territorju nazzjonali u l-produzzjoni tal-elettriku aħdar fl-Istati Membri l-oħra.

75. Dawn huma r-raġunijiet li abbażi tagħhom nipproponi li r-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li r-regoli ta' nondiskriminazzjoni fl-Artikolu 12 KE u fid-Direttivi 96/92, 2003/54 u 2001/77 ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, billi jirreżervaw il-benefiċċju tad-distribuzzjoni bla ħlas tal-elettriku aħdar biss għall-impjanti ta' produzzjoni konnessi direttament man-netwerks ta' distribuzzjoni li jinstab fl-Istat Membru kkonċernat jew fir-reġjun

27 — C-204/12 sa C-208/12, EU:C:2014:2192.

28 — Punt 119.

29 — Ara fost l-oħrajn, f'dan is-sens, López Escudero, M., "Régimes nationaux d'aide à l'énergie verte face à la libre circulation des marchandises dans l'Union européenne", *Revues des affaires européennes*, 2014/3, p. 593, b'mod partikolari p. 599, u Le Baut-Ferrarese, B., *op. cit*.

tat-territorju ta' dan l-Istat, li teskludi, minħabba dan il-fatt, l-impjanti ta' produzzjoni li jinstabu fl-Istati Membri l-oħra, sakemm din il-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun, b'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, adattata sabiex tiżgura li jintlaħaq l-għan segwit u sakemm ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan l-għan jintlaħaq.

76. Ser nanalizza l-proporzjonalità tas-sistemi inkwistjoni fil-kawża prinċipali mill-perspettiva tal-moviment liberu tal-merkanzija.

C – *Fuq l-ewwel u t-tieni domandi*

77. Permezz tal-ewwel u t-tieni domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment, jekk l-Artikoli 28 u 30 KE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali li, billi tirriżerva l-benefiċċju tad-distribuzzjoni bla ħlas tal-elettriku aħdar biss għall-impjanti ta' produzzjoni direttament konnessi man-netwerks ta' distribuzzjoni li jinstabu fl-Istat Membru kkonċernat jew fit-territorju ta' dan l-Istat, teskludi, minħabba dan il-fatt, l-impjanti ta' produzzjoni li jinstabu fl-Istati Membri l-oħra.

78. Għaldaqstant, id-domanda li tressqet hija dwar jekk is-sistemi inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhomx mnejn jostakolaw l-importazzjoni tal-elettriku, b'mod partikolari dak aħdar, li joriġina minn Stati Membri oħra u jekk jikkostitwixxux, konsegwentement, miżuri ta' effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni, fil-prinċipju hija pprojbita mill-Artikolu 28 KE, sakemm dawn il-leġiżlazzjonijiet ma jkunux jistgħu ġġustifikati oġġettivament.

79. Peress li din id-domanda evidentement tfakkar f'dawk li l-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għalihom fiż-żewġ sentenzi reċenti tagħha tal-1 ta' Lulju 2014, Ålands Vindkraft [30], u tal-11 ta' Settembru 2014, Essent Belgium [31], dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tas-sistemi nazzjonali ta' sostenn għall-produzzjoni tal-elettriku aħdar, il-punt tat-tluq tar-raġunament li għandu jiġi segwit jikkonsisti f'li jiġi eżaminat jekk in-natura tas-soluzzjonijiet stabbiliti f'dawn iż-żewġ preċedenti jistgħux jiġu purament u sempliċiment trasposti għal din il-kawża jew jekk, bil-kontra, jekk din il-kawża tinvolvix fatturi partikolari li jiġġustifikaw li wieħed jitbiegħed minn dawn is-soluzzjonijiet.

80. Il-persuni kkonċernati li ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma kinux żbaljati f'dan.

81. Minn naħa, ir-Reġjun Fjamming, il-Gvern Grieg, kif ukoll il-Kummissjoni jsostnu, fuq il-bażi ta' raġunament b'analoġija, li l-limitazzjonijiet territorjali fis-sistemi ta' distribuzzjoni bla ħlas tal-elettriku aħdar għandhom jiġu kkunsidrati bħala ġġustifikati peress li, bħal-leġiżlazzjonijiet inkwistjoni fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2014, Ålands Vindkraft [32], u tal-11 ta' Settembru 2014, Essent Belgium [33], dawn isegwu l-għan leġittimu ta' promozzjoni tal-użu tas-sorsi ta' enerġija li jiġġeddu fil-produzzjoni tal-elettriku. Madankollu, hemm differenza notevoli bejn, minn naħa, il-pożizzjoni tar-Reġjun Fjamming u, min-naħa l-oħra, dak tal-Gvern Grieg u tal-Kummissjoni li għandha tissemma. Ir-Reġjun Fjamming iqis li l-limitazzjoni fuq id-distribuzzjoni bla ħlas tal-elettriku aħdar ma tikkostitwixxix miżura ta' effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni meta, fir-rigward esklużivament tal-elettriku alimentat direttament fin-netwerks ta' distribuzzjoni, din ma jkollhiex bħala effett li tillimita l-iskambju transkonfinali tal-elettriku, li ma jistax iseħħ ħlief permezz tan-netwerks ta' trażmissjoni, bl-esklużjoni tan-netwerks ta' distribuzzjoni. Bil-kontra, il-Gvern Grieg u l-Kummissjoni jikkunsidraw li l-leġiżlazzjonijiet inkwistjoni jikkostitwixxu miżuri ta' effett ekwivalenti,

30 — C-573/12, EU:C:2014:2037.

31 — C-204/12 sa C-208/12, EU:C:2014:2192.

32 — C-573/12, EU:C:2014:2037.

33 — C-204/12 sa C-208/12, EU:C:2014:2192.

iżda li dawn huma ġġustifikati mill-għan ta' protezzjoni tal-ambjent, taħt il-kundizzjoni, skont il-Kummissjoni, ta' eżami iktar fid-dettall tan-natura proporzjonali tagħhom, u hija l-qorti nazzjonali li għandha tipproċedi għalih, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-effett kumulattiv tal-mekkaniżmi l-oħra ta' sostenn għall-produzzjoni tal-elettriku aħdar.

82. Bil-kontra, Essent issostni li jeżistu punti ta' differenza li jeskludu, fl-opinjoni tagħha, kull traspożizzjoni ta' ġurisprudenza preċedenti. B'mod partikolari, hija tikkunsidra li, filwaqt li l-mekkaniżmu taċ-ċertifikati ħodor jikkostitwixxu mekkaniżmu ta' sostenn għall-produzzjoni tal-elettriku aħdar li jiggarantixxi, permezz tal-awtorità regolatorja, vantaġġ għall-produttur qabel ma jintervjenu l-forzi tas-suq, billi jippermetti n-negozjati għaċ-ċertifikati f'suq speċifiku taħt kundizzjonijiet ekwi, is-sistema ta' distribuzzjoni bla ħlas tal-elettriku aħdar tikkonċerna esklużivament id-distribuzzjoni u l-kunsum tal-elettriku, tiffavorixxi b'mod unilaterali, lill-fornituri, u għandha impatt finanzjarju ħafna iktar importanti, peress li l-ispejjeż ta' distribuzzjoni waqt il-perijodu kkonċernat kienu jirrappreżentaw sa 37 % mill-fattura finali tal-elettriku.

83. Minkejja li jista' jiġi kkontestat, fl-opinjoni tiegħi, ir-raġunament tas-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2014, Ålands Vindkraft [34], u tal-11 ta' Settembru 2014, Essent Belgium [35], ma jidhirlix li huwa possibbli li jiġi propost issa, f'dawn il-konklużjonijiet, l-abbandun tas-soluzzjoni li dawn jistabbilixxu, peress li tali qlib tal-ġurisprudenza jippreżupponi evoluzzjoni distinta tal-kuntest ġuridiku li ma jikkaratterizza bl-ebda mod il-kawża preżenti; bil-kontra, hija tirrigwarda sitwazzjoni ġuridika li ilha teżisti żmien twil u li hija eżawrita. Għaldaqstant, huwa skont l-approċċ analitiku stabbilit minn dawk is-sentenzi li ser neżamina l-kompatibbiltà ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE li jirrigwardaw il-moviment liberu tal-merkanzija.

84. Barra minn hekk, wara li neżamina jekk is-sistemi inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkostitwixxux ostakoli għall-moviment liberu tal-merkanzija, ser nivverifika, jekk ikun il-każ, jekk tali ostakoli jistgħux jiġu ġġustifikati permezz tal-għan ta' promozzjoni tal-użu ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu.

1. Fuq l-eżistenza ta' ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija

85. Fil-bidu kienet il-formola tas-sentenza tal-11 ta' Lulju 1974, Dassonville [36], li tipprovdi li tikkostitwixxi miżura ta' effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva għall-importazzjoni, kull miżura nazzjonali li tista' twassal sabiex tostakola direttament jew indirettament, attwalment jew potenzjalment, il-kummerċ intra-Komunitarju [37].

86. Issa, għandu jiġi kkonstatat, f'dan ir-rigward, li l-leġiżlazzjoniet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistgħux jostakolaw, mill-inqas indirettament u potenzjalment, l-importazzjonijiet ta' elettriku [38], b'mod partikolari dak aħdar, mill-Istati Membri l-oħra.

34 — C-573/12, EU:C:2014:2037.

35 — C-204/12 sa C-208/12, EU:C:2014:2192.

36 — 8/74, EU:C:1974:82.

37 — Punt 5. Ara wkoll, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2014, Ålands Vindkraft (C-573/12, EU:C:2014:2037, punt 66), u tal-11 ta' Settembru 2014, Essent Belgium (C-204/12 sa C-208/12, EU:C:2014:2192, punt 77).

38 — Infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja li, fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Diċembru 1968, Il-Kummissjoni vs L-Italja (7/68, EU:C:1968:51), adottat definizzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "merkanzija" bħala li tinkludi l-"prodotti [kollha] li jistgħu jiġu valutati fi flus u li jistgħu, bħala tali, ikunu s-suġġett ta' tranżazzjonijiet kummerċjali" (p. 626) (ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' April 2011 Vlaamse Dierenartsenvereniging u Janssens, C-42/10, C-45/10 u C-57/10, EU:C:2011:253, punt 68 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), irrikonoxxiet b'mod espliċitu li l-elettriku jikkostitwixxi merkanzija (ara s-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et*, C-206/06, EU:C:2008:413, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

87. Fil-fatt, sa fejn huwa kostanti li l-elettriku importat huwa neċessarjament trażmess permezz tan-netwerk ta' trażmissjoni mingħajr ma jkun jista' jiġi alimentat direttament fin-netwerks ta' distribuzzjoni li jinstabu fir-Reġjun Fjamming jew fil-Belġju, il-limitazzjoni tad-distribuzzjoni bla ħlas tal-elettriku aħdar prodott mill-impjanti ta' produzzjoni direttament konnessi ma' dawn in-netwerks toħloq vantaġġ partikolari għall-elettriku aħdar prodott fir-Reġjun Fjamming jew fil-Belġju, billi tqiegħed fi żvantaġġ l-elettriku importat.

88. Peress li huma biss l-impjanti ta' produzzjoni tal-elettriku li jinstabu fir-Reġjun Fjamming jew fil-Belġju li jistgħu jibbenefikaw mill-vantaġġ mogħti, ma tantx huwa importanti li tali sistema preferenzjali jista' jkollha wkoll effett restrittiv fuq l-impjanti Fjammingi jew Belġjani li huma direttament konnessi mhux man-netwerk ta' distribuzzjoni, iżda man-netwerk ta' trażmissjoni [39].

89. Tali leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi, konsegwentement, miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjonijiet, li ma hijiex kompatibbli mal-Artikolu 28 KE, sakemm ma tkunx ġustifikata oġġettivament.

2. Fuq l-eventwali ġustifikazzjoni

90. Filwaqt li rreferiet għal ġurisprudenza stabbilita, fis-sentenzi tagħha tal-1 ta' Lulju 2014, Ålands Vindkraft [40], u tal-11 ta' Settembru 2014, Essent Belgium [41], il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li leġiżlazzjoni jew prassi nazzjonali li tikkostitwixxi miżura ta' effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi tista' tiġi ġġustifikata permezz ta' waħda mir-raġunijiet ta' interess ġenerali elenkati fl-Artikolu 30 KE, jew mir-rekwiżiti imperattivi, u l-miżura nazzjonali għandha tkun, f'kull każ, adattata sabiex tiżgura t-twettiq tal-għan segwit u ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq [42].

91. Imbagħad, billi rabtet l-għan tal-promozzjoni tal-użu ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu għall-produzzjoni tal-elettriku mal-kunċett tal-ġurisprudenza tar-rekwiżiti imperattivi u mar-raġunijiet ta' interess ġenerali ddefiniti fl-Artikolu 30 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li dan l-għan, fil-prinċipju, jista' jiġġustifika l-eventwali ostakali għall-moviment liberu tal-merkanzija.

92. Wara li ġie ammess dan il-prinċipju, il-Qorti tal-Ġustizzja pproċediet għal eżami tal-proporzjonalità tal-ostakolu għall-moviment liberu li jirriżulta mis-sistemi nazzjonali ta' għajnuna għall-elettriku aħdar.

93. Għandna naslu għall-istess evalwazzjoni tan-natura proporzjonata tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, billi neżaminaw dwar jekk dawn il-miżuri humiex neċessarji u jissodisfawx effettivament l-għan ta' promozzjoni tal-użu ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu.

94. Fl-ewwel lok, fir-rigward tan-natura adatta tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali sabiex jilħqu l-għan segwit, għandu jiġi rrilevat li, b'mod differenti mis-sistemi ta' sostenn eżaminati fil-kuntest tal-kawżi li taw lok għas-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2014, Ålands Vindkraft [43], u tal-11 ta' Settembru 2014, Essent Belgium [44], li nħolqu b'mod sabiex jibbenefikaw direttament

39 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Marzu 1990, Du Pont de Nemours Italiana (C-21/88, EU:C:1990:121, punt 13), u tas-16 ta' Mejju 1991, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-263/85, EU:C:1991:212).

40 — C-573/12, EU:C:2014:2037.

41 — C-204/12 sa C-208/12, EU:C:2014:2192.

42 — Ara, rispettivament, il-punt 76 u l-punt 89.

43 — C-573/12, EU:C:2014:2037.

44 — C-204/12 sa C-208/12, EU:C:2014:2192.

il-produzzjoni tal-elettriku aħdar[45], il-miżuri ta' distribuzzjoni bla ħlas tal-elettriku aħdar inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jiffavorixxux direttament lill-produtturi, peress li jibbenefikaw qabel kollox lill-fornituri u, eventwalment, lill-konsumaturi taħt il-kundizzjoni li l-fornituri jgħaddulhom il-vantaġġ li huma jiksbu mid-distribuzzjoni bla ħlas.

95. Madankollu, dawn il-miżuri jidhru li huma adattati sabiex jintlaħaq l-għan segwit, ladarba, billi jħassru l-ispejjeż għad-distribuzzjoni, huma jinkoraġġixxu lill-fornituri sabiex iżidu l-parti tal-enerġija ħadra fil-pakkett ta' enerġija tagħhom u, għaldaqstant, jikkontribwixxu, anki jekk indirettament, sabiex tiżdied it-talba billi jiffavorixxu, b'mod korrispondenti, iż-żieda fl-użu tas-sorsi ta' enerġija li jiġġeddu fil-produzzjoni tal-elettriku.

96. L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/77 jikkostitwixxi, barra minn hekk, indikazzjoni tal-indifferenza tan-natura diretta jew indiretta tal-għajnuna sabiex tiġi kklassifikata bħala sistema ta' sostenn, peress li din id-dispożizzjoni ddaħħal fid-definizzjoni ta' tali sistema kull mekkaniżmu li permezz tiegħu produttur tal-elettriku jibbenefika, fuq il-bażi ta' leġiżlazzjoni stabbilita mill-awtoritajiet pubbliċi, minn għajnuna, kemm jekk tkun "diretta jew indiretta".

97. Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk il-miżuri nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan segwit, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Ġustizzja, billi bbażat ruħha fuq il-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni talab lill-Istati Membri differenti sabiex jistabbilixxu għanijiet nazzjonali sabiex jitqassmu b'mod ekwu l-isforzi meħtieġa sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni il-punti tat-tluq differenti, id-differenzi fil-possibbiltajiet ta' żvilupp tal-enerġija li ġejja minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu u fil-pakketti ta' enerġija, ammettiet li s-sistemi ta' sostenn jista' jkollhom limitazzjonijiet territorjali peress li l-azzjoni fuq livell nazzjonali hija kkunsidrata bħala iktar adattata minn azzjoni prevista fuq il-livell tal-Unjoni.

98. Minkejja li ma naqbilx ma' dan l-approċċ, ma nara l-ebda differenza fundamentali bejn il-limitazzjonijiet territorjali li jappartjenu għas-sistemi ta' sostenn ibbażati fuq l-obbligu ta' xiri minn żona ta' provvista partikolari, jew fuq l-użu ta' ċertifikati ħodor, u l-limitazzjoni territorjali ta' sistema ta' distribuzzjoni bla ħlas tal-elettriku aħdar, li hija inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li hija meħtieġa sabiex tikkontribwixxi għat-twettiq, mir-Renju tal-Belġju, ta' għanijiet ambjentali marbuta mat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Bħas-sistema taċ-ċertifikati ħodor, il-miżura ta' distribuzzjoni bla ħlas kienet intiża, skont il-preambolu tad-Deċiżjoni tal-4 ta' April 2003, sabiex tippromvowi l-produzzjoni deċentralizzata tal-elettriku aħdar lejn l-impjanti lokali.

99. Konsegwentement, ir-risposta għat-tieni u għat-tielet domandi għandha tkun li l-Artikoli 28 u 30 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, billi tirriżerva l-benefiċċju tad-distribuzzjoni bla ħlas tal-elettriku aħdar, biss għall-impjanti ta' produzzjoni konnessi direttament man-netwerks ta' distribuzzjoni li jinstabu fl-Istat Membru jew fir-reġjun tat-territorju ta' dan l-Istat, teskludi, minħabba dan il-fatt, l-impjanti ta' produzzjoni li jinstabu fl-Istati Membri l-oħra.

V – **Konklużjoni**

100. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, fl-opinjoni tiegħi, ir-risposta għad-domandi tar-Rechtbank van eerste aanleg te Brussel (qorti tal-prim'istanza ta' Brussell, il-Belġju) għandha tkun li, minn naħa, ir-regoli ta' nondiskriminazzjoni inklużi fl-Artikolu 12 KE, fid-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Diċembru 1996, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku, id-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE, u d-Direttiva 2001/77/KE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 fuq

45 — Ara, rispettivament, il-punt 95 u l-punt 98.

il-promozzjoni ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli fis-suq intern tal-elettriku u, min-naħa l-oħra, fl-Artikoli 28 u 30 KE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, billi tirriżerva l-benefiċċju tad-distribuzzjoni bla ħlas tal-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu biss għall-impjanti ta' produzzjoni konnessi direttament man-netwerks ta' distribuzzjoni li jinstabu fl-Istat Membru jew fir-reġjun tat-territorju ta' dan l-Istat, teskludi, minħabba dan il-fatt, l-impjanti ta' produzzjoni li jinstabu fl-Istati Membri l-oħra.